# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum it-Tnejn, 3 ta' Settembru, 2001**
**Appell Nru 72/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Cunningham**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Cunningham talli fit-22 ta' Gunju, 2000, ghall-habta tal-11.45 a.m., fi Triq il-Helsien, kantuniera ma' Triq ir-Rebbiegha, Qormi, saq vettura nru. DBD-548 (**1**) b'manjiera perikoluza, (**2**) traskurata, kif ukoll talli (**3**) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma' mutur nru. FAH-398 u nvolontarjament ikkagunalu hsara a dannu ta' Lawrence Galea; u aktar (**4**) talli fl-istess incident involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess Lawrence Galea skond kif iccertifikat Dott. Cristina Chircop-Micallef M.D.; il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Cunningham jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-4 ta' April, 2001 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Michael Cunningham mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fid-19 ta' April, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenzi tal-11 ta' Mejju u 19 ta' Lulju, 2001; ikkunsidrat:

L-Avukat Generali qed jappella a bazi tal-Artikolu 26 tal-Kap. 65 u l-Artikolu 413(1A) tal-Kap. 9. L-appellant, bazikament, jikkontendi li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament manifestament zbaljat tal-provi. Hu jikkontendi l-fatt li Cunningham jghid li qatt ma ra l-mutur li kien gej mid-direzzjoni ta' faccata tieghu jindika traskuragni u non-kuranza da parti tieghu fis-sens li hu naqas milli jzomm "a proper look-out"; u li kien minhabba dan in-nuqqas ta' "proper look-out" li meta l-appellat gie biex jikser fuq il-lemin biex jidhol fi Triq ir-Rebbiegha huwa habat mal-mutur misjuq minn Lawrence Galea.

Mill-provi jirrisulta li l-appellat kien qed isuq van bin-numru DBD 548 fi Triq il-Helsien, Hal-Qormi, meta gie biex idur fuq il-lemin ghal go Triq ir-Rebbiegha. Biex jaghmel hekk l-appellat kellu necessarjament jaqsam il-karreggjata tal-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta. Hu jammetti fid-deposizzjoni tieghu li f'ebda hin ma ra l-mutur ta' Galea, u li intebah bih biss mal-habta. Mill-provi, u senjatament mid-deposizzjoni ta' P.S. 160 Mario Mifsud, jirrisulta li ghal vettura fil-posizzjoni kif kienet dik ta' l-appellat ma kien hemm ebda ostakolu ghall-vizwali fid-direzzjoni ta' minn fejn kien gej il-mutur; il-mutur (li huwa wiehed hekk imsejjah "tal-fardal") ma kienx qed jinsaq b'xi velocita` partikolari; fi kliem iehor, l-unika raguni ghala l-appellat ma rax il-mutur kienet ghax ma kienx qed isuq b'mod attent kif suppost. Quddiem l-ewwel qorti l-appellat kien ezenta l-prosekuzzjoni milli ttella' bhala xhud lit-tabiba Dott. Chircop-Micallef u accetta li l-offizi li garrab Galea b'risultat ta' l-incident kienu ta' natura gravi *per durata*.

Din il-Qorti frankament issibha difficli tifhem kif l-ewwel qorti lliberat lill-appellat. Din il-Qorti qrat ripetutament it-tlett paragrafi qosra fis-sentenza appellata li fihom xi forma ta' motivazzjoni, izda ma tistax taqbad jew tifhem x'riedet tghid ezattament l-ewwel qorti. Certament l-ewwel qorti ma kienitx korretta meta qalet li z-zewg sewwieqa "gabu ruhhom b'mod abbastanza accettabbli". Huwa principju elementari tas-sewqan prudenti li meta vettura tigi biex iddur b'mod li jkollha taqsam il-karreggjata ta' vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta, is-sewwieq ma jaqsamx dik il-karreggjata qabel ma jassigura ruhhu li jista' jaghmel hekk minghajr ma jkun ta' ebda ostakolu ghal xi vettura li tkun gejja proprju minn fuq dik il-karrggjata (u dan apparti prekawzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, dwar vetturi li jkun gejjin minn wara s-sewwieq li jkun ser jaghmel dik il-manuvra, u vetturi hergin minn "side roads"). Certament l-incident *de quo* gara unikament minhabba n-nuqqas ta' attenzjoni ta' l-appellat; dan in-nuqqas ta' attenzjoni jmur diametrikament kontra dak li hu mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza u ghalhekk jammonta ghal sewqan traskurat[1]. F'dan il-kaz is-sewqan ta' l-appellat kien ukoll ta' perikolu ghal terzi, u ghalhekk hemm ukoll is-sewqan perikoluz.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat Michael Cunningham hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu kif indikat fil-bidu ta' din is-sentenza; u wara li rat l-Artikolu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap. 65 u l-Artikoli 226(b), 328(d) u 373 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-imsemmi Michael Cunningham multa ta' mija w erbghin lira (Lm140) (pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli fi tmienja w ghoxrin [28] gurnata prigunerija), kif ukoll tiskwalifikah mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan ghall-periodu ta' erba' (4) xhur, liema periodu jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur

[1] Ara ***Il-Pulizija v. Alfred Mifsud***, Appell Kriminali, 6 ta' Mejju, 1997.